DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR211271** **05.07.2021**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-Ispeaker jindirizza lill-parteċipanti tal-'Young Parliamentarians'***

"Il-politiku jrid jaħdem għal soċjetà ekwa u ġusta u jħabrek sabiex tiżdied it-tolleranza, u jemmen li fid-diversità hemm opportunitajiet li permezz tagħhom tisseddaq is-soċjetà.Dan tennieħ l-Ispeaker Anġlu Farrugia waqt li kien qed jindirizza seduta speċjali fil-Parlament imtella' mill-Aġenzija Żgħażagħ, 'Young Parliamentarians'.

Fl-indirizz tiegħu, l-Ispeaker saħaq li l-politika għandna tkun ta' servizz lil oħrajn u lil ħaddieħor, u għaldaqstant il-politiku għandu jkun bniedem altruwista, ispirat minn ħsieb tajjeb u li jħenn u jispira fiduċja, anke liż-żgħar u lil dawk li għal xi raġuni qatgħu lura mill-bqija tas-soċjetà. Hu kompla billi qal li l-politku għandu jirrispetta d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' kull persuna umana, iħares il-ħajja umana, iħabrek favur id-dinjità ta' kull persuna u jkun strument favur is-sliem u l-paċi fost il-bnedmin.

L-Ispeaker temm id-diskors tiegħu billi  awgura lil dawk li ħadu sehem f'din l-inizjattiva mtella' minn Aġenzija Żgħażagħ, 'Young Parliamentarians', sabiex jagħrfu sew is-sbuħija u l-importanza tas-sehem ta' kull politiku, kemm bħala individwi kif ukoll bħala msieħbin f'movimenti u organizzazzjonijiet ċivili u mhux governattivi/volontarji fir-rigward tal-interessi nazzjonali u globali, li għandhom jitqiesu bħala ġid u patrimonju uman u ħidma ta' fejda lil ħaddieħor.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
**press.releases@gov.mt** **www.doi.gov.mt**